



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 17 ta' Lulju 2023
(OR. en)

9866/23

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0148 (NLE)

PECHE 213

ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett:	REGOLAMENT TAL-KUNSILL dwar l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd skont il-Protokoll tal-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn il-Komunità Ewropea, min-naħa waħda, u r-Repubblika ta' Kiribati, min-naħa l-oħra (2023-2028)
----------	--

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) 2023/ ...

ta' ...

**dwar l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd skont il-Protokoll
tal-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd
bejn il-Komunità Ewropea, min-naħa waħda,
u r-Repubblika ta' Kiribati, min-naħa l-oħra (2023-2028)**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Fit-23 ta' Lulju 2007, il-Kunsill adotta r-Regolament (KE) Nru 893/2007¹ dwar il-konklużjoni ta' Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn il-Komunità Ewropea, min-naħa waħda, u r-Repubblika ta' Kiribati, min-naħa l-oħra ("il-Ftehim").
- (2) L-ewwel Protokoll² tal-Ftehim stabbilixxa, għal perjodu ta' sitt snin, l-opportunitajiet tas-sajd mogħtija lill-bastimenti tal-Unjoni fiż-żona tas-sajd ta' Kiribati u l-kontribuzzjoni finanzjarja mogħtija mill-Unjoni. Il-perjodu ta' applikazzjoni ta' dak il-Protokoll skada fil-15 ta' Settembru 2012.
- (3) It-tieni Protokoll³ tal-Ftehim stabbilixxa, għal perjodu ta' tliet snin, l-opportunitajiet tas-sajd mogħtija lill-bastimenti tal-Unjoni fiż-żona tas-sajd ta' Kiribati u l-kontribuzzjoni finanzjarja mogħtija mill-Unjoni. Il-perjodu ta' applikazzjoni ta' dak il-Protokoll skada fil-15 ta' Settembru 2015.

¹ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 893/2007 tat-23 ta' Lulju 2007 dwar il-konklużjoni ta' Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn il-Komunità Ewropea, min-naħa waħda, u r-Repubblika ta' Kiribati, min-naħa l-oħra (ĠU L 205, 7.8.2007, p. 1).

² Il-Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet ta' sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja msemmija fil-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika ta' Kiribati għall-perjodu bejn is-16 ta' Settembru 2006 u l-15 ta' Settembru 2012 (ĠU L 205, 7.08.2007, p. 8).

³ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/669/UE tad-9 ta' Ottubru 2012 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti mill-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u r-Repubblika ta' Kiribati, min-naħa l-oħra (ĠU L 300, 30.10.2012, p. 2)

- (4) Fit-26 ta' Jannar 2015, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ in-negozjati ma' Kiribati għall-konklużjoni ta' Protokoll ġdid li jimplimenta l-Ftehim¹. Dawk in-negozjati ġew konklużi u fit-18 ta' Diċembru 2022 ġie inizjalat Protokoll ġdid li jimplimenta l-Ftehim għal perjodu ta' ħames snin (2023-2028).
- (5) F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2023/ ...²⁺, il-Protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn il-Komunità Ewropea, min-naħa waħda, u r-Repubblika ta' Kiribati, min-naħa l-oħra (2023-2028) ("il-Protokoll") ġie ffirmat fi ...⁺⁺, soġġett li jiġi konkluż f'data iktar tard.
- (6) Il-Protokoll jipprevedi l-opportunitajiet tas-sajd għall-bastimenti tal-Unjoni fl-ilmijiet ta' Kiribati, abbażi tal-aqwa parir xjentifiku disponibbli u skont il-miżuri ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni adottati mill-Kummissjoni għas-Sajd fil-Punent tal-Paċifiku u l-Paċifiku Ċentrali.
- (7) Jenħtiegħ li l-opportunitajiet tas-sajd previsti fil-Protokoll jiġu allokat f'fost l-Istati Membri rilevanti għall-perjodu kollu tal-applikazzjoni tiegħu.

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-26 ta' Jannar 2015 li tawtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ in-negozjati f'isem l-Unjoni Ewropea għat-tiġdid tal-Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti mill-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn il-Komunità Ewropea, min-naħa waħda, u r-Repubblika ta' Kiribati, min-naħa l-oħra.

² Id-Deċiżjoni (UE) 2023/ ... ta' ... dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn il-Komunità Ewropea min-naħa waħda, u r-Repubblika ta' Kiribati, min-naħa l-oħra (2023-2028) (ĠU L, ..., p. ...).

⁺ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal in-numru tad-Deċiżjoni li jinsab fid-dokument ST 9856/23 u kkompleta n-nota ta' qiegħ il-paġna korrespondenti.

⁺⁺ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal id-data tal-iffirmar tal-Protokoll li jinsab fid-dokument ST 9890/23.

- (8) Jenħtieġ li l-Protokoll jiġi implimentat malajr kemm jista' jkun, minħabba l-importanza ekonomika relatata mal-attivitajiet tas-sajd tal-Unjoni fl-ilmijiet ta' Kiribati, u l-ħtieġa li jitnaqqas kemm jista' jkun il-perjodu qabel ma jerġgħu jibdew it-tali attivitajiet.
- (9) Il-Protokoll se japplika fuq bażi proviżorja mid-data li jiġi ffirmit sabiex jippermetti l-attivitajiet tas-sajd tal-bastimenti tal-Unjoni. Għalhekk, jenħtieġ li dan ir-Regolament jibda japplika mill-istess data,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-opportunitajiet tas-sajd stabbiliti skont il-Protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u r-Repubblika ta' Kiribati, min-naħa l-oħra (2023-2028) għandhom ikunu allokat i fost l-Istati Membri kif ġej:

Bastimenti tas-sajd għat-tonn bit-tartarun:

Spanja: tliet bastimenti

Franza: bastiment wieħed

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu jibda japplika minn [daħħal id-data tal-iffirmar tal-Protokoll].

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President
